MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 429/2003/1

**Middlesea Insurance plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Saviour Cassar u l-istess Saviour Cassar**

**vs**

**Aaron Mizzi**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi fuq indikati sejhu lill-

konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:

1. Prevja dikjarazzjoni li hu responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2002, gewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura Ford Escort bir-registrazzjoni JAB-341 misjuqa minnu, u l-vettura Peugeot bir-registrazzjoni VSC-008 misjuqa minn Adrian Viacava u proprjeta' ta' Saviour Cassar, u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ihallas, lill-atturi s-somma ta' elfejn, hames mija u hamsin Lira Maltin (LM2,550.00,0), in kwantu ghal elfejn u hames mitt Lira Matlin (LM2,500.00,0), danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici Saviour Cassar u li ghalihom kellha taghmel front is-socjeta' attrici taht polza tat-tip "*comprehensive*" u hamsin Lira Maltin (LM50.00,0), rapprezentanti "*excess*" imhallas mill-attur Saviour Cassar;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru tas-sena 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni huwa diga' l-meritu tal-kawza fl-ismijiet Marsovin Limited vs Adrian Viacava (Avviz Numru 1226/03) pendenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghas-seduta tat-13 ta' Novembru tas-sena 2003;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjent m'ghandu l-ebda htija ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2002 gewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz l-eccipjenti jikkontesta l-*quantum* tad-danni mitluba mill-atturi;

4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici minn issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-atturi datata l-4 ta' Dicembru tas-sena 2003 li permezz taghha, ghar-raguni hemm indikata, irriducew is-somma meritu ta' din il-procedura ghas-somma ta' elf, hames mija u tlieta u hamsin Lira Maltin, u sitta u erbghin centezmu (LM1,553.46,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-16 t'Ottubru tas-sena 2003, ghall-habta ta' nofsinhar;

2. Illi dan l-incident sehh fi Triq il-Korp tal-Pijunieri kantuniera ma' Triq il-Wileg, Bugibba, u fiha kienu nvoluti l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni VSC-008 misjuqa minn Adrian Viacava u propjeta' ta' Super Car Hire, u l-vettura vann tal-marka Ford bin-numru ta' registrazzjoni JAB-341 misjuq minn Aaron Mizzi u propjeta' ta' Marsovin Company Limited;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm jirrizulta f'diversi deposizzjonijiet li l-vettura misjuqa minn Adrian Viacava giet indikata bin-numru ta' registrazzjoni BSC-008, (ara fol 11,15,16 u 21), jirrizulta abbundantament assodat li l-vettura in dizamina ggib in-

numru VSC-008, (ara Dok KC2 u Dok KC3, oltre xhieda ohra riprodotta;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-vettura VSC-008 misjuqa minn Viacava kienet qed tigi misjuqa fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, fid-direzzjoni fejn qed tohrog minn Bugibba, filwaqt li l-vettura l-ohra JAB-341 misjuqa minn Mizzi kienet qed tigi misjuqa fl-istess triq int u diehel il-Qawra;

Illi skond l-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-kawza, li hadd mill-partijiet ma kkonfuta, jirrizulta li fil-post ta' l-incident hemm "stop sign" u "traffic lights";

Illi l-konducent Viacava jsostni li meta kien fuq li stop sign de quo hares *"…l-ewwel fuq in-naha tal-lemin…imbaghad fuq in-naha tax-xellug u mbaghad kif qlajt ezatt smajt brake kbir u baqa' diehel van go fija quddiem*", (ara fol 21);

Illi jidher li parti minn din il-versjoni hi konfortata wkoll mill-iskizz stess li juri l-marki ta' sfrenata qawwija hergin mill-vettura tal-konvenut, (ara fol 20);

Illi skond il-konvenut waqt li dan kien qed isuq minn San Pawl il-Bahar fid-direzzjoni tal-Qawra, hekk kif qabez it-"traffic lights" isostni li hargitlu l-vettura l-ohra involuta fl-istess incident u ghalhekk l-incident kien inevitabbli;

Illi l-istess konvenut isostni wkoll li l-vettura l-ohra involuta f'dan l-incident ma kienx raha qabel il-kollizzjoni;

Illi rigward it-"traffic lights", l-istess konvenut isostni li d-dawl kien ahdar u ghalhekk kien permess lilu li jipprocedi u fil-fatt isostni li vetturi ohra li kienu warajh baqghu jipprocedu (ara fol 52), dettall li hu kategorikament konfutat, (ara fol 21);

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ammont ta’ danni sofferti mill-atturi dan jirrizulta abbondantement assodat kemm minn nota ta’ riduzzjoni pprezentata minnhom, (ara fol 27), kif ukoll mid-dokumentazzjoni minnhom annessa, (ara fol 28 et seq);

Ikkunsidrat:

Illi f’dan l-istadju hu issa doveruz li tigi ezaminata l-ewwel eccezzjoni sollevata li sintetikament tirreferi ghall-fatt li l-meritu tal-procedura odjerna qed jigi ezaminat f’forum iehor;

Illi nonostante din l-eccezzjoni procedurali li setghet taffettwa l-principju ta’ l-hekk imsejjah “ne bis in idem” il-konvenut naqas ghal kollox li jindirizza din il-problematika minnu sollevata, u konsegwentement din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li tichad l-istess eccezzjoni stante li ma gietx pruvata;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk f’dan l-istadju jonqos biss li jigu indirizzati t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet;

Illi rigward il-kwantum din il-qorti hi sodisfatta li d-danni sofferti mill-atturi huma dawk minnhom indikati a fol 27 fejn fin-nota ta’ riduzzjoni taghhom dawn gew kristallizzati fl-ammont komplessiv ta’ elf, hames mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu, (LM1,553.46,0), u huma debitament konfortati minn dokumentazzjoni kopjuza;

Ikkunsidrat:

Illi rigward ir-responsabbilita’ jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-konducent Viacava kien qed isuq bi prudenza stante li jirrizulta li:

a. waqaf fuq “stop sign”;

b. hares diligentement qabel ma pproceda;

c. ghalih l-incident kien inevitabbli;

2. Illi l-konducent Mizzi jirrizulta li kien qed isuq b'velocita' eccessiva stante:

a. it-tul tal-marki ta' l-isfrenata minnu mhollija fit-triq;

b. l-entita' tal-habta;

Ghaldaqstant wara li din il-qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghar-ragunijiet kollha fuq indikati:

1. Tiddikjara lill-konvenut Aaron Mizzi bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf, hames mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu, (LM1,553.46,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Aaron Mizzi biex ihallas lis-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc proprio et nomine l-ammont ta' elf, hames mija u tlett Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu, (LM1,503.46,0), u lill-attur Saviour Cassar l-ammont ta' hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Huwa jissottometti b' aggravju illi l-ewwel Qorti naqset li taghmel evalwazzjoni korretta tal-provi. Jikkontendi illi t-tort ghall-incident kellu jigi addebitat lis-sewwieq l-iehor li qabad u hareg bla ma waqaf fuq l-i*stop sign*. Isostni li hu kellu d-dritt ta' precedenza imma x-xufier l-iehor ostakolalu t-triq b' mod inaspettat. Jirrileva wkoll illi l-velocita` li kien ghaddej biha kienet hekk konsentita lilu ghax hu kien qed isuq fi triq principali;

Is-socjeta` assiguratrici attrici u l-attur l-iehor assigurat taghha, wiegbu ghal dawn il-kontestazzjonijiet kontra s-sentenza appellata billi rritenew illi l-incident sehh bi htija tas-sewqan sperikolat ta' l-appellant. Huma jsostnu illi s-sewwieq Adrian Viacava adopera l-mizuri prekawzjonali kollha mehtiega, *inter alia*, li waqaf fuq l-i*stop sign*, hares fiz-zewg direzzjonijiet biex jivverifika t-traffiku u hareg bil-mod;

Din il-Qorti tibda biex tirregistra, b' introduzzjoni preliminari, dawn l-aspetti generali:-

(1) In materja ta' kollizjonijiet, fejn spiss il-versjonijiet provvduti huma kontrastanti, mhux dejjem huwa ta' rilevanza ghar-rizoluzzjoni tal-kwezit tal-htija dak li jiddeponu x-xhieda okulari, kompriz il-konducenti nfushom. L-esperjenza turi li f' kazijiet ta' din ix-xorta, anke forsi minghajr ma jridu, ir-rakkont tal-fatti ta' kif sehh l-incident jew ma jirrispekkjax il-verita` jew addirittura jigi ezagerat bil-hsieb li jaghti sostenn u forza lill-versjoni l-wahda jew l-ohra;

(2) Meta dan ikun il-kaz, l-uniku element ta' prova indipendenti jibqa' l-iskizz u r-rapport ta' l-ufficcjali tal-pulizija li nvestiga l-kaz, minnu konfermati. Dan ghar-raguni illi l-iskizz jaghti ideja kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt, oltre fatturi ohra mportanti bhat-topografija tat-toroq, filwaqt li r-rapport jikkontjeni r-registrazzjoni tad-dikjarazzjonijiet *a tempo vergine* taz-zewg xufiera;

Ukoll issib ta' utilita` bhala preambolu ghal kaz li ser jigi ezaminat illi tenfasizza dak li bosta drabi ohra gie espress, jigifieri, li "*driver* ta' karozza ghandu innegabilment fost ohrajn, zewg doveri: wiehed dak li jzomm *a proper look out* ghall-vejikoli, *pedestrians* u *road users* ohra; u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f' posizzjoni tali li jkollu f' kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu" ( **Kollez. Vol. XLIV P IV p 892**);

Precizati s-suesposti preliminari u l-principju appena accennat, din il-Qorti tghaddi biex, fuq ir-rizultanzi processwali, taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

(1) Is-sewwieq Adrian Viacava (fol. 21) jghid li hu kien gej minn Triq il-Pijunjieri waqaf fuq l-i*stop sign*, hares l-ewwel lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug u, imbaghad, kif qala ezatt sema' *brake* kbir u van jahbat fih. Hawn irid jigi osservat illi fid-dikjarazzjoni tieghu lis-Surgent PS 298 Joseph Grima mkien ma jghid li waqaf fuq l-i*stop sign* izda biss li fil-krocerija bejn Triq il-Pijunjieri u Triq il-Wileg "*he looked to the right and left side, seeing that the road was clear emerged into Triq il-Wileg and on doing so collided with van JAB 341*";

(2) Fil-presenza ta' din ix-xhieda u dikjarazzjoni difficilment din il-Qorti tista' taghti wisq affidament lid-deposizzjoni esagerata tax-xhud Christian Tabone, li kien passiggier mieghu, fejn jistqarr li waqfu fuq l-i*stop sign* u "Adrian rajtu jhares lejn in-naha tieghu biex jara li ma kienux gejjin karozzi imbaghad it-tnejn li ahna harisna lejn in-naha tieghi, ergajna harisna n-naha tieghu u ergajna harisna wkoll in-naha tieghi" (fol. 48). Dan ma kienx bizzejjed ghax dejjem skond dan ix-xhud, mhux konfermat mill-konducent innifsu, "jien cert mija fil-mija illi l-konvenut qasam meta kellu l-*lights* juru l-ahmar". Kieku tassew hekk kien il-kaz dan id-dettal kien certament jigi riportat lill-Pulizija li nvestiga l-kaz; fatt dan li ma jokkorrix mir-rapport;

(3) Il-konvenut appellant minn naha tieghu kien gej fi Triq il-Wileg mid-direzzjoni tat-*traffic lights* biex jibqa' sejjer il-Qawra. Huwa jghid li lill-konducent l-iehor ma rahx anke minhabba l-ostakolu tas-sigar. Cahad kategorikament dak mistqarr mix-xhud Christian Tabone u anzi jghid ghal darba, darbtejn li d-dwal tat-*traffic lights* kienu hodor tant li anke ta' warajh baqghu ghaddejjin. L-unika haga li ma ftakarx kien il-velocita` tas-sewqan tieghu antecedenti ghall-habta;

Stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet, ghandu qabel xejn jinghad illi kull gudizzju ghandu jigi affrontat fuq ic-cirkostanzi partikolari tieghu, kif provat. Din il-Qorti ma thossha xejn sodisfatta illi tabilhaqq il-kawza prossima u unika ta' l-incident kienet il-velocita` eccessiva ta' l-appellanti;

Issa m' hemmx dubju illi l-i*speed* esagerat hu fattur li ta' sikwit jiggenera incidenti stradali, ghax min isuq bi *speed* moderat ma jikkagunax hsarat anke jekk tintervjeni n-negligenza ta' haddiehor. *Hic et nunc* mill-*brake marks* identifikati fuq l-iskizz mhux eskluz li l-appellanti kien qed isuq bi *speed* eccessiv. Huwa ma setax isuq kif ifettillu in kwantu kien jinkombi fuqu li jsegwi r-regoli ta' sewqan prudenti dettati mic-cirkostanzi. Issa l-appellanti jappilja mar-raguni illi gjaladarba hu kien fit-triq principali l-velocita` li kien ghaddej biha kienet hekk lilu konsentita. Ghal din il-Qorti din ir-raguni, jew ahjar skuzanti, ma tissuffragahx anke ghaliex kif jinsab deciz, "id-dritt ta' precedenza li ghandu l-*main road user* di fronte ghas-*side road user* ma hux illimitat. Id-driver li ghandu r-*right of way* ma jistax jaghmel li jrid u jezimi ruhu minn kull regola ta' prudenza ordinarja; b' mod li meta jkun qed isuq lejn *side road* anke hu ghandu jersaq bi prekawzjoni" (**Kollez. Vol. XLIV P IV p 928**). Hekk allura *speed* eccessiv jista', f' cirkostanzi konkomitanti, jitqies sewqan imprudenti in kwantu ma jhallix lok ghal dik il-margini ta' sikurezza tant necessarja ghal kull emergenza li tista' tinqala'. Konsegwentement l-appellanti ma jistax jiskansa ruhu ghal kollox mir-responsabilita`;

Ferma din il-konsiderazzjoni, u fl-isfond globali tac-cirkostanzi, dan ma jfisserx illi jekk il-konducenti l-iehor Adrian Viacava kien fi htija kontributorja ghal dak li sehh, il-htija ta' l-appellanti kienet wahda assoluta. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, u moghti piz debitu lid-dikjarazzjoni ta' dan il-konducent lill-ufficcjal li nvestiga l-incident, issib li l-agir ta' l-imsemmi konducent ikkontribwixxa b' mod determinanti ghall-incident. Bhala *driver* ta' vettura intercettanti t-triq principali biex jidhol fil-

*flow of traffic* hu kellu d-dmir li jassikura li seta' johrog b' sikurezza. Jekk kien inkawt, ma jistax jistrih fuq id-difiza ta' l-*inevitable accident* ghal fatt tas-sewqan veloci tal-konvenut. Il-fatt biss li l-incident sehh hekk kif appena rifes fit-triq principali juri, fil-hsieb tal-Qorti, illi mhux tassew li f' dak il-mument it-triq kienet "*clear*". Kif zvolgew ic-cirkostanzi, jibqa' inspjegabbli kif hu ma rahx lill-konvenut gej. Juri wkoll illi jekk verament hares ma haresx sew jew kien distratt jew baqa' hiereg u ma waqaf xejn. Huwa veru li jghid li hares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug izda ghallanqas mid-dikjarazzjoni tieghu lill-Pulizija, u skartata x-xhieda tal-passiggier tieghu, ma jghidx ukoll li rega' hares lejn il-lemin, kif hekk kien mistenni bi prudenza li kellu jaghmel;

Kien hu li hareg minn wara *stop sign* ghal got-trip principali u kien hu allura li holoq emergenza lill-appellanti. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti din il-manuvra kienet wahda azzardata u potenzjalment aktar gravuri minn dik ta' l-appellanti u dan ghandu jirrifletti ruhu fl-apporzjonament tal-htija;

Kif gja manifest tali manuvra ma tiskagonax lill-appellanti ghax kif ukoll jinsab deciz "jekk sewwieq jikkaguna danni minhabba emergenza subitanea ta' karozza ohra li harget minn triq laterali ghal triq principali u kkrejat sitwazzjoni ta' perikolu ghalih li kien fil-*major road* u ghalhekk godenti r-*right of way*, dak id-*driver* ma huwiex b' daqshekk mehlus minn kull responsabilita` ghad-danni minnu kagonati jew kien qieghed isuq bi *speed* mhux moderat u minhabba f' hekk ma setax jevita l-hsara. Huwa hati ta' kolpa kontributorja" (**Kollez. Vol. XLVI P I p 762**).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' in parte l-appell interpost billi ssib li ghall-incident li sehh fis-16 ta' Ottubru 2002 kien responsabbli kemm l-appellanti kif ukoll is-sewwieq Adrian Viacava. Dan fi proporzjoni ta' terz (1/3) ghall-appellanti u zewg terzi (2/3) ghal precitat Adrian Viacava. Il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lill-appellanti

jhallas lill-atturi appellati terz (1/3) tas-somma shiha reklamata. L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jitbatew skond l-istess proporzjon ta' htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------